# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2019**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1039/19TA**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 700/2019 fl-ismijiet:**

**John Brian Engerer et**

**vs**

**Carmelo Ebejer et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmelo u martu konjugi Ebejer tad-29 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Illi huma ġew notifikati b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv fl-ismijiet hawn fuq premessi liema mandat inħareġ a bażi ta' talba da parti ta' John Brian Engerer u martu Emily Engerer li qed jivvantaw titolu eżekuttiv għall-kreditu indikat fl-istess mandat u dan a bażi ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2014 fl-istess ismijiet ċioe` *John Brian Engerer et vs Carmelo Ebejer et [Cit Nru. 781/2011]* kopja informali ta' liema qed tiġi annessa mal-preżenti rikors.

Illi permezz tar-rikors odjern l-eżekutati konjugi Ebejer qed jitolbu t-tħassir ta' dan l-att eżekuttiv u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi kuntrarjament għal dak allegat, m'huwiex minnu illi l-imsemmi konjugi Engerer għandhom titolu eżekuttiv li jintitolahom għas-somma minnhom reklamata u dan kif inhu ben evidenti mill-istess sentenza mar-rikors tiegħu minn fejn jirriżulta illi ebda kreditu oltre dak ta' €3,482.24 indikat fit-tielet paragrafu tad-decide ma ġie kanonizzat favur tiegħu. Dan l-ammont u ċioe` €3,482.24 diġa ġie debitament imħallas snin ilu u għalhekk xejn iktar ma' huwa u/jew kien dovut f'termini monetarji a bażi ta' dik is-sentenza.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'huwiex minnu anqas illi hemm xi ammonti dovuti lir-rikorrent Engerer mill-esponent u dan peress illi x-xogħolijiet kollha li kien jinħtieġ li jsiru a tenur tas-sentenza saru mill-esponenti taħt id-direzzjoni tal-Perit tekniku de quo u għalhekk kwalunkwe xogħol ieħor li setgħa sar mill-intimati eżekutanti u li issa dwarhom qed jiġi reklamat il-ħlas ma kienux debitament awtorizzati u anqas formanti parti mill-vertenza oriġinali li ġiet deċiża bis-sentenza surreferita.

Illi f'kull każ u mingħajr ebda preġudizzju, x-xogħlijiet li dwarhom l-eżekutanti qed jirreklamaw ħlas imorru oltre dawk mertu tas-sentenza appellata mhux in konformita mas-sentenza surreferita. Konsegwentement l-azzjonijiet imwettqa mill-eżekutanti u l-kreditu konsegwenzjali minnhom reklamat zgur li ma jaqgħux fl-ambitu tat-titolu eżekuttiv tagħhom ottenut bis-saħħa tas-sentenza preċitata.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru odjern u dan taħt il-provvedimenti kollha opportuni.

Bl-ispejjeż."

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 2019;

Rat ir-risposta ta' Brian Engerer et tal-15 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

"Illi l-esponenti jagħmlu referenza għar-rikors, fejn qed jintalab it-tħassir tal-mandat hawn fuq indikat taħt l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti jirrilevaw illi fis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet John Brian sive Brian Engerer -v- Carmelo Ebejer et, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti, Ebejer u laqgħet it-talbiet ta' l-esponenti, Engerer. Fid-decide dina l-Onorabbli Qorti qalet:

"*4. Tikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Mary iris Ebejer jagħmlu ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni, kif indikat mill-Perit nominat l-arkitett Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu minn*

*fol. 72 sa 73 tal-proċess, kif ukoll illi jerġa' jitwaħħal it-tank tal-ilma tal-atturi, u dana kollu taħt id-direzzjoni u superviżjoni tal-istess Perit Godwin Abela li qed jiġi nominat minn din il-Qorti għal dan l-għan, u dana fi żmien perentorju ta' 4 (erba') xhur mid-data ta' din is-sentenza;*

*5. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas, jagħmlu x-xogħlijiet huma stess a spejjeż tal-konvenuti*."

Illi x-xogħolijiet indikati mill-Perit Godwin Abela a fol 72 u 73 tal-proċess huma s-segwenti:

- Tibdil ta' dawk is-soqfa li waslu fi stat prekarju.
- Tiswija ta' dawk is-soqfa li jistgħu jiġu miżmuma.
- Tneħħija tal-materjali kollha minn fuq il-bejt inklużi t-tankijiet u l-membrane eżistenti.
- Tpoġġija ta' waterproofing membrane ġdida.
- Tpoġġija tat-tankijiet tal-ilma maqlugħin.
- Tiswija u ssiġillar tal-opra morta.
- Tpoġġija ta' membrane fuq it-terrazzin estiż li hu espost għall-elementi.
- Għeluq tal-fond fejn hemm aperturi neqsin jew miksurin.
- Tiswijiet tal-faċċati w tat-taraġ estern.

Illi fi proċeduri separati, fejn l-esponenti intalbu li r-rikorrenti, Ebejer jiġu kkundannati għad-disprezz tal-Qorti, l-istess Perit Godwin Abela, ġie inkarigat sabiex jagħmel rapport addizzjonali li ppreżenta f'Ġunju 2019, qal is-segwenti dwar ix-xogħolijiet li saru u dawn li għadhom ma sarux:

- "*Tibdil ta' dawk is-soqfa li waslu fi stat prekarju – dan ix-xogħol sar.*
- *Tiswija ta' dawk is-soqfa li jistgħu jiġu miżmuma – dan ix-xogħol sar parzjalment.*
- *Tneħħija tal-materjali kollha minn fuq il-bejt inklużi t-tankijiet u l-membrane eżistenti – dan ix-xogħol sar parzjalment fis-sens li ħafna materjal tneħħa pero l-membrane l-qadima ma tneħħitx u għad hemm numru ta' oġġetti fuq il-bejt.*
- *Tpoġġija ta' waterproofing membrane ġdida – dan ix-xogħol ma sarx.*
- *Tpoġġija tat-tankijiet tal-ilma maqlugħin – dan ix-xogħol sar.*
- *Tiswija u ssiġillar tal-opra morta – dan ix-xogħol sar pero skont kif intqal lill-esponent, sar mill-atturi.*
- *Tpoggija ta' membrane fuq it-terrazzin estiz li hu espost ghall-elementi – dan ix-xoghol ma sarx.*
- *Għeluq tal-fond fejn hemm aperturi neqsin jew miksurin – dan ix-xogħol sar għajr għal tieqa waħda li kellha l-ħġieġ miksur.*
- *Tiswijiet tal-faċċati w tat-taraġ estern – dan ix-xogħol sar pero skond kif intqal lill-esponent, sar mill-atturi.*"

Illi f'Mejju 2019, l-esponent kienu kostretti li jagħmlu x-xogħlijiet huma fejn kellhom aċċess. Dan sar minħabba l-perikolu li kien jeżisti minħabba

nuqqas ta' azzjoni tar-rikorrenti Ebejer. Xogħolijiet oħra ma setgħux jagħmluhom għaliex ma kellhomx aċċess. Qed jiġi anness rapport sħiħ tal-kuntrattur (Dok EH1), Ebrahem Hamood, fejn jispjega eżatti x-xogħolijiet li wettaq, li hija ġustifikazzjoni tal-fattura tiegħu għas-somma mitluba.

Illi Point 1 tar-Rapport dok EH1 jikkorrispondi ma' "*Tiswija u ssigillar tal-opera morta – dan ix-xoghol sar pero skond kif intqal lill-esponent, sar mill-atturi*" tar-Rapport ta' Ġunju 2019;

Illi Point 4 tar-Rapport dok EH1 jikkorrispondi ma' "*Għeluq tal-fond fejn hemm aperturi neqsin jew miksurin – dan ix-xogħol sar għajr għal tieqa waħda li kellha l-ħġieġ miksur*" tar-Rapport ta' Ġunju 2019;

Illi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-ispejjes inkorsi mill-konjugi Engerer huwa identiċi ma dak li kien mitlub jagħmel ir-Rikorrenti Ebejer.

Illi għar-rigward jekk dawn ix-xogħolijiet kellhomx isiru taħt direzzjoni tal-perit tekniku, mis-sentenza hawn fuq indikat, huwa ċar, li dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar 2014, fil-punt numru 5 tad-decide ma ordnatx li jekk ix-xogħolijiet ma jsirux mir-Rikorrenti Ebejer, dan għandu jsir taħt id-direzzjoni tal-Perit Tekniku. Ir-raġuni huwa ovvju, li jekk kien se jagħmel ix-xogħolijiet ir-rikorrenti Ebejer, kien hemm bżonn ta' xi ħadd jiċċertifika li kien sar skond l-arti u s-sengħa. Filwaqt li jekk kellhom isiru mill-Intimati Engerer dawn kellhom kull interess li x-xogħolijiet verament jsolvu l-problema li nħoloq. Fl-ebda ħin il-Perit kellu jiċċertifika l-kontijiet sew jekk ix-xogħolijiet saru mir-Rikorrenti u l-anqas jekk saru mill-Intimati Engerer. B'hekk in poca parole, ix-xogħolijiet kellhom isiru irrispettivament mill-ispejjeż u ma kienx hemm limitu għal dan l-għan;

Illi barra minn hekk l-intimat u l-Avukat sottoffirmat kien informa diversi drabi l-Perit Godwin Abela li l-Intimat Engerer, kien se jagħmel ix-xogħolijiet li kien urġenti stante li kienu għaddew ħames snin.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad ir-rikors hawn fuq indikat."

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet lill-Perit Godwin Abela jixhed fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrisulta b'mod ċar, kemm mir-rikors tar-rikorrenti, mir-risposta tal-intimati u xorta ta' provi imressqa, li l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti tittratta l-mertu, kemm tas-Sentenza u kif ukoll tal-mandat inkwistjoni. Fil-qosor, ir-rikorrenti qegħdin isostnu li dan l-ammont ma kienx jifforma parti mis-Sentenza li abbazi tagħha qiegħed jintalab li jinħareg il-mandat esekuttiv mertu tal-Kawża. Dan ifisser li r-rikorrenti, ma humiex jallegaw xi difett fil-forma tal-mandat jew li dan il-Mandat inħareg mill-Qorti ħażina. Dwar l-applikazzjoni tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ermenewtika tal-Qrati tagħna hija kopjuża.

F'dan ir-rigward issir referenza għall-pronunzjament fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 226/14 fl-ismijiet **Anthony Charles John Cassar et vs Carmen German et deċiż fis-6 ta' Mejju 2016** fejn b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati dwar din il-materja intqal hekk:

*"… ... fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, **deċiża fil-5 ta' Mejju 2005 per Onor. Imħ. Joseph R. Micallef:** "Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skont il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma* (vide *ukoll Joseph Spiteri vs Anthony Perry et digriet interlokutorju deċiż fl-14 ta' Novembru 1994).*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011*** u kkonfermata fl-appell intqal hekk*:*

*"... ... l-għan li għaliha ddaħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd iehor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra".*

Min imbaghad jrid jimpunja l-esekuzzjoni ta' Mandat irid jipproċedi skond l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C- 120858) vs Walter Zammit Cachia et** deciza fis-7 t'April 2009 mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef intqal:

*"Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed*

*maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura."*

Minn dan kollu jirrisulta li ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap.12. (ara **Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Pace vs Sultana**).

Għalhekk mill-eżami tal-atti li għandha quddiemha din il-Qorti jirrisulta, li l-għan proċedurali li għalih huwa maħsub l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hux dak li qed jimmira għalih ir-rikors odjern.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-Konjugi ~~Engerer~~* tad-29 ta' Ottubru 2019 billi tiċħad it-talbiet tagħhom. [1]

Spejjes tal-presenti proċedura a' karigu tar-rikorrenti Engerer.

**Imħallef Toni Abela**

---

* "Ebejer" – korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2020.

**Deputat Reġistratur**